TAJJEB LI TKUN TAF

# SUB TUUM PRÆSIDIUM :
# Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu



L-eqdem talba li qatt instabet miktuba lill-Madonna, hija dik magħrufa bħala *Sub tuum Præsidium*.

Oriġinarjament kienet miktuba bil-Grieg u tmur lura bejn wieħed u ieħor għas-sena 250 A.D. - fejn diġà kienet tifforma parti mill-liturġija Kopta (tal-Eġittu) sal-Milied tas-seklu III.

Tixhed li t-titlu għal Madonna bħala *Omm Alla* kien diġà qed jiġi wżat sewwa, qabel l-użu ta' dan it-titlu minn Sant' Atanasju. Kien proprju madwar mitt sena wara, jiġifieri fis-sena 431 A.D. li l-Knisja, permezz tal-Konċilju ta' Efesu, ddikjarat bħala domma ta' fidi li Marija hija *Omm Alla*.

Fil-Medjuevu, din it-talba ġiet miżjuda mat-talbiet liturġiċi li jingħadu fil-Liturġija tas-Siegħat, eżattament fit-tmiem tat-Talb ta' Għeluq il-Jum – il-Kumpjeta, bħala waħda minn 4 talbiet Marjani.

Hija wżata fil-liturġija Kopta sal-ġurnata ta' llum, kif ukoll fil-liturġija Biżantina, Ambrożjana u Rumana.  Minkejja li l-innu ġie tradott f'ħafna lingwi moderni, dan l-innu għadu magħruf sew kemm fil-Grieg u kemm fil-Latin.

***Sub tuum praesidium confugimus,***
***Sancta Dei Genitrix.***
***Nostras deprecationes ne despicias***
***in necessitatibus nostris,***
***sed a periculis cunctis***
***libera nos semper,***
***Virgo gloriosa et benedicta.***
***Amen.***

**Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu**
**Omm qaddisa ta' Alla.**
**La twarrabx minn quddiemek**
**it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,**
**u eħlisna minn kull tiġrib,**
**O Verġni Glorjuża u mbierka.**
**Ammen.**

**AVVIŻ IMPORTANTI**

**Mill-Ħadd 1/07/2018 ser ikollna tibdil fil-ħinijiet tal-quddies tal-Ħadd:**

- **Fis-6:45am;**
- **Fid-9:00am;**
- **Fl-10:30am** – ***(Issir biss f'każ taċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija jew raġunijiet speċjali oħra u tkun avżata minn qabel)*;**
- **Fis-6:00pm**

**Dan ser japplika żgur sal-aħħar ta' Settembru minħabba li l-għajnuna tal-qassisin fil-quddies tal-Ħadd ser tkun limitata ħafna.**
**Ħudu nota u xerrdu l-kelma.**



# PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IS-SAJF
## MIT-TELQA GĦAL OPPORTUNITÀ

Wieħed mill-agħar effetti tas-sajf hija t-telqa: tqum filgħodu, jekk ikun irnexxilek torqod, ġa bla saħħa, tinħasel għalxejn għax xorta ma tħossokx frisk, kollox tagħmel bi sforz u ma jkollok aptit tagħmel xejn.  Is-sħana tagħmel tagħha u tibda tħossok nervuż iktar minn qatt qabel, u sabar imkien.

***Telqa li tittantana daqs Xitan***
Din it-telqa li lkoll nġarrbu fix-xhur meta l-għomma tkun fl-aqwa tagħha taf taħkem ukoll il-ħajja spiritwali tagħna.

Wieħed mill-missirijiet tad-deżert, Evagrius minn Pontus, li kien jgħix fir-raba' seklu u li għadda l-aħħar parti ta' ħajtu f'komunità monastika fl-Eġittu, isejjaħ lil din l-attitudni 'ix-xitan ta' nofsinhar' li jattakka meta l-inqas li tkun qed tistennieh; hija dik l-attitudni li f'Salm 91 insibuha bħala *"marda li ġġib ħerba f'nofsinhar."* Għal Evagrius u l-irħieb l-oħra li kienu jgħixu ħajja ta' solitudni, din kienet tfisser *"ix-xewqa li tabbanduna ċ-ċella tiegħek, indifferenza lejn il-fidi li taħkmek bil-mod il-mod u li ġġiegħlek taħseb li l-vokazzjoni monastika tiegħek hi inutli."*

Għalina li ngħixu stil ta' ħajja differenti, dan ix-'xitan' li jiġi jħuf madwarna fis-sigħat ta' nofs il-jum, meta b'mod naturali ġisimna jkun jixtieq jistrieħ xi ftit, jibda jberridna u fl-istess waqt bħal donnu jfesfsilna kliem ta' qtiegħ il-qalb; nibdew naħsbu li l-ġurnata mhi se tispiċċa qatt, kollox jibda jdejjaqna iktar minn qatt qabel u nitilfu kull tama fil-ġejjieni.  Jekk nagħtu kas dawn il-ħsibijiet negattivi u naħsbu żżejjed fuqhom, issir diffiċli mmens biex noħorġu minn din l-attitudni.

Din it-telqa taf tagħmlilna ħsara kbira għax tagħlaqna fina nfusna bl-effett li naħsbu li nsiru ċ-ċentru ta' kollox. Nibdew nagħmlu minn kollox biex noħolqu identità oħra għalina nfusna għax qatt ma nkunu kuntenti kif aħna – dan huwa l-mod kif aħna naħarbu miċ-'ċella' tagħna għax inkunu rridu dejjem xi ħaġa ġdida u ma nkunux nifilħu noqogħdu fil-kwiet magħna nfusna.

***Nirbħu it-telqa billi nimpenjaw ruħna f'xi ħaġa li tgħinna niffukaw***
Allura x'nistgħu nagħmlu biex niġġieldu kontra din il-bruda? L-ewwel ħaġa prattika biex narmaw ruħna għall-battalja kontra t-telqa hi li biex ma nintilfux fi ħsibijiet żejda, nagħmlu xi biċċa xogħol tal-id li tkun titlob ħafna attenzjoni, biex b'hekk moħħna jieqaf mit-thewdin u l-qrid.  Imbagħad irridu nġeddu l-impenn tagħna lejn l-istil ta' ħajja li għandna, lejn id-dmirijiet tagħna u għalhekk, biex naħarbu minn dan ix-xitan, irridu nibqgħu fidili fl-affarijiet iż-żgħar u nipperseveraw fihom bil-ferħ.

***Nagħrfu sewwa l-Identità tagħna***

Tajjeb li nkunu nafu min aħna: x'idejjaqna, x'faċli jħarbtilna l-paċi ta' qalbna, x'inhi dik il-ħaġa li lilna ġġenninnha għal warajha. U ma' dawn, verità importanti li mhux ta' min ninsew hija li aħna maħluqa fuq xbieha ta' Alla, aħna wliedu bil-Magħmudija. Niġru kemm niġru wara affarijiet oħra, xejn ma jista' jaqtagħlna din ix-xewqa li qegħda fina, ladarba aħna ħolqien tiegħu. L-ebda tentazzjoni, twegħidna xi twegħidna, ma għandha taqtagħlna l-għatx għalih. Jista' ix-xitan jagħtina l-paċi tal-qalb meta hu maqsum fih innifsu? Jista' l-għadu jagħtina l-ferħ jew iwassalna għall-verità meta huwa *"missier il-gideb"*? Mal-qawwa tal-ħażen, aħna qegħdin fi ġlieda kontinwa. U fi ġlieda, jekk trid tirbaħ, trid tkun taf l-ewwelnett int min int.

***Inkunu konxi***
***kif jaħdem l-Għadu ta' Ruħna***

L-għadu qatt ma jattakka belt minn fejn tkun l-iktar b'saħħitha imma jsib l-iktar post dgħajjef biex minn hemm ikollu rebħa faċli. Għalhekk irridu nifhmu t-tattika li juża l-għadu biex inkunu nistgħu niqfulu *"sħaħ fil-fidi."* Importanti wkoll li f'dawn il-mumenti iebsin u li ħafna drabi nħossuna ma nifilħux għalihom, aħna ma nitilfux il-paċi tagħna għax jekk fi ġlieda nitilfu rasna, l-unika garanzija li għandna hi t-telfa.

***Insiru aktar familjari***
***mal-Kelma ta' Alla,***
***b'mod speċjali fl-Ewkaristija***

F'mumenti bħal dawn, il-Kelma ta' Alla tgħinna nibqgħu mexjin 'il quddiem. Fl-aħħar ġranet ta' Mejju, il-Papa Franġisku bagħat messaġġ permezz ta' vidjow liż-żgħażagħ miġbura għal-laqgħa nazzjonali tagħhom f'Santa Fe, l-Arġentina. Huwa qalilhom li bħalma l-kompjuters u l-mowbajls ikollhom bżonn l-*updates* biex jaħdmu aħjar, hekk ukoll il-ħajja tagħna trid tagħmel *update* tar-relazzjoni tagħha ma' Kristu fid-dawl tal-Vanġelu. Il-Papa saħaq li għandhom iġorru l-Vanġelu fil-but u jaqraw minnu għal żewġ minuti kuljum. Bil-mod il-mod, il-Kelma ta' Alla, tant ħajja u qawwija, tibda tibdilna. Aktar ma nsiru midħla tagħha b'mod sinċier u serju din il-Kelma aktar tressaqna lejn Alla, teqred minna l-ħażin u tkun għalina musbieħ għal riġlejna. U fl-Ewkaristija dil-Kelma ssir dawl u qawwa li tmexxina fit-triq it-tajba.

Għalhekk dan is-sajf, meta taħkimna t-telqa, ejjew niftakru li s-sigriet huwa l-perseveranza fl-affarijiet iż-żgħar ta' kuljum u filwaqt li nfittxu l-mistrieħ tagħna, nibqgħu inżommu l-impenn tagħna lejn it-twemmin li nħaddnu u ma nibirdux.

**ID-DJARJU**
**TAL-PARROĊĊA**
**Ħal Safi - Lulju 2018**

Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju
**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**

Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

***Nitolbu għalihom!***





***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Rodianne Zerafa
u Darren Schembri
Joseph Pace
u Charlene Bonnici



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Alan Boyce





# INSTALLAZZJONI TA' *SOUND-SYSTEM* ĠDIDA FIL-KNISJA PARROKKJALI

Is-sistema tas-*sound* tal-knisja parrokkjali tagħna kienet ilha sejra lura - anke għax it-tekonoliġija għamlet passi ta' ġgnat - u għalkemm saru tentattivi biex titranġa b'mod temporanju xorta baqa' l-fatt li tiltaqa' ma' nies li jgħidu li ma tantx qed jisimgħu sewwa (aħseb u ara kemm jifhmu) lil min jaqra, jew lill-qassis waqt il-quddiesa, speċjalment waqt l-omelija. Matul is-sajf - minħabba l-fannijiet - u fil-festi prinċipali, is-sitwazzjoni tmur pjuttost għall-agħar.

Wara diversi stimi li nġabru, rajna li l-proposta li għamlu *Genaudio Ltd* kienet waħda pjuttost tajba. Għalhekk bejn it-Tnejn 4 u s-Sibt 16 ta' Ġunju 2018, inbeda l-proċess ta' *wiring* ġdid tul il-knisja kollha kif ukoll l-installazzjoni ta' *Corneredaudio Ci4V speakers*, inkluż 8 ġodda: 2 fil-kor, 2 fil-kappelluni, 2 fuq l-orgni u 1 fuq iċ-ċinta jħares lejn l-altar, kif ukoll dak ta' barra. Inbidlu wkoll l-amplifier l-antik ma' *Yamaha TF series TF Rack mixer with automixing*, il-microphones kollha li saru *Clockaudio microphones*, żdiedu aktar *cordless*, u saru aktar points fejn jitqabbad microphone jew ħruġ mill-amplifier.



***1. Yamaha TF series TF Rack mixer with automixing***



**2. Dehra ta' Corneredaudio Ci4V speaker**



**3. Xi Points fejn jitqabbad microphone jew ħruġ mill-amplifier**

Saret *Hearing Loop-System* maċ-ċinta tal-knisja kollha biex tiffaċilita smiegħ għal min juża apparat li jgħin li min hu nieqes mis-smiegħ.

Ġiet installata sistema li tipprovdi komunikazzjoni aħjar bejn id-direttriċi tal-kor u l-organista u dak li qed jiġri fuq l-altar, kemm mil-lat viżiv (installazzjoni ta' *cameras* u *screens*) u kemm mil-lat ta' smiegħ.

L-ispiża totali kienet stama madwar € 12,000.

Grazzi kbira tmur lil Joe Genovese u l-ħaddiema ta' *Genaudio Ltd* tal-Imrieħel li b'galbu u sengħa ppjanaw u wettqu dan ix-xogħol. Grazzi ukoll tmur lil kull min ta' sehemu u ta donazzjonijiet finanzjarji. Biss inkompli nappella u nistieden lil kull parruċċan biex japprezza u jikkontribwixxi finanzjarjament ħalli inkomplu ntaffu l-ispejjeż relatati ma' dan il-proġett prinċipali u tant bżonnjuż.

**Il-Kappillan**